

# Anniversarji li jaħbtu f'din is-Sena 2014 u li huma ta' interess għal Ħal Qormi

**1714** **(300 sena ilu)** Dun Ġwakkin Camilleri, qassis imwieled Ħal Qormi, mar kappillan f'Ħal Tarxien wara li kien kappillan ta' Ħad-Dingli mill-1712 sal-1714. Miet fl-1718.[1]

**1764** **(250 sena ilu)** Mhux magħruf eżatt meta bdiet issir il-proċessjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' Ħal Qormi imma l-aktar dokument antik s'issa huwa d-djarju tal-qassis Ignatio Saverio Mifsud fejn jgħid li kien mar jara l-proċessjoni ta' Ħadd il-Palm tal-1764 f'Ħal Qormi, meta saret proċessjoni b'xi statwi żgħar u mdaqqsin.[2]



*Il-bidu tal-pedamenti għall-knisja parrokkjali ta' San Bastjan*



**1814** **(200 sena ilu)** Waqfet l-imxija tal-pesta. Ħal Qormi kien wieħed mill-irħula l-aktar milquta ħażin. B'radd il-ħajr, aktar 'il quddiem, il-poplu Qormi għamel statwa tal-istess qaddis fit-tarf tar-raħal. F'dawn

l-inħawi, inbniet Knisja li gradwalment saret Parroċċa b'dedika lil San Bastjan, protettur tal-mard tal-pesta.

Dun Pietro Paolo Psaila nħatar kappillan ta' Ħal Qormi (San Ġorġ) wara li kien kappillan f'Ħal Balzan.[3]

**1914** **(100 sena ilu)** Fil-parroċċa ta' San Sebastjan fl-14 ta' Ġunju twaqqfet fergħa tal-bniet tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.[4]

**1939** **(75 sena ilu)** (a) Beda x-xogħol biex tinbena l-knisja parrokkjali ġdida ta' San Sebastjan. L-art ġiet mogħtija mill-gvern.[5]

(b) F'April 1939 tbierket il-palma ġdida għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ minflok oħra li kienet sempliċi żżejjed.[6]

(c) Twieled f'Ħal Qormi Patri Ġorġ Aquilina OFM, storiku, riċerkatur, awtur ta' diversi kotba. Miet fid-29 ta' Settembru 2012.[7]



*Patri Gorg Aquilina*

**1944** **(70 sena ilu)** Il-vara titulari ta' San Sebastjan toħroġ għall-ewwel darba fil-purċissjoni nhar id-9 ta' Lulju 1944. Din kienet b'induratura tad-ditta Mallia u Xuereb tal-Belt Valletta u nżebgħet mill-pittur Toussaint Busuttil.

**1954** **(60 sena ilu)** (a) Twieled f'Ħal Qormi Tony Aquilina, kittieb ta' proża u poeżija u għalliem.[8]

(b) Sar xogħol dekorattiv u mużajk fil-knisja tal-Madonna tal-Ħlas, limiti ta' Ħal Qormi.[9]

(c) Twieled f'Ħal Qormi l-pittur Joseph Saliba. F'Mejju tal-





2003 il-kunsill lokali ta' Ħal Qormi organizza wirja retrospettiva tax-xogħlijiet tiegħu.[10]

(d) Miet Tommaso Mangion, disinjatur u statwarju minn Ħal Qormi.[11]

(e) Minn din is-sena, f'Ħal Qormi (u xi postijiet oħra) ġie projbit bejgħ ta' ħalib dritt mill-mogħża.[12]

(f) Twieled f'Ħal Qormi l-Maġistrat Silvio Meli.[13]



*Dun Gino Mangion bir-relikwa ta' San Bastjan*



*Twaqqif tal-bejgħ tal-ħalib dirett mill-mogħoż*

**1974** **(40 sena ilu)** Miet Dun Gino Mangion, qassis Qormi mill-Parroċċa ta' San Bastjan. Kien viċi-parroku tal-istess Parroċċa u anke wieħed mill-ewwel prokuraturi tal-festa ta' San Bastjan Martri.



**1964** **(50 sena ilu)** (a) Ġiet minn Bolzano l-istatwa tal-injam tal-Madonna tar-Rużarju għall-knisja ta' San Sebastjan, Ħal Qormi.[14]

(b) Fil-parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, ġiet inawgurata l-*Guardian Angel School for Children with Special Needs.*[15]

(c) Twieled il-Mosta Joseph Buhagiar li mill-2009 sar kappillan tal-parroċċa San Sebasjan f'Ħal Qormi.[16]

**1989** **(25 sena ilu)** (a) Bdiet tinbena l-kappella taċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi. Ġiet inawgurata fl-1991.[17]

(b) Ġorġ Fenech, qassis minn Ħal Qormi, inġinier, astronomu, magħruf għall-



*Dun Ġorġ Fenech u l-arloġġ tax-xemx mal-knisja parrokkjali ta' San Sebastjan*

arloġġi tax-xemx, miet fl-età ta' 86 sena.[18]

(c) Tpoġġiet l-ewwel ġebla għall-bini taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi.[19]

(d) Carmelo Mercieca (imwieled Ħal Qormi) laħaq Kappillan tal-Għargħur fejn dam sal-1995. Kien ukoll Kappillan ta' Ħal Tarxien u tal-Mellieħa.[20]



*Dun Karm Mercieca, dakinhar li l-istatwa titulari ta' San Sebastjan ittieħdet għall-induratura fl-1986*

**Referenzi**

1 Ferres, Achille *Descrizioni Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* (1866) p.438. Battistino, Vincent *Ħal Tarxien* (1993) p.414. Schiavone, Michael *Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom* III (1994) p.180. Bonnici, Alexander *Ħad-Dingli* I (2000) p.86. Terribile, Tony *Teżori fil-Knejjes Maltin* (2008) p.277.

2 Schiavone, Michael (Ed.) *Il-proċessjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex* (1992) p.111. Grima, Jos. F. *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi* (2003) p.8. Terribile, Tony (2011) p.155.

3 Dimech, Ġwann *Ħal Balzan* (2004) p.193.

4 Buġeja, Ġwann & Grima Joseph F. *Minn Ġrajjet il-Parroċċa San Sebastjan, Qormi* (2007) p.44.

5 Guillaumier, Alfie *Bliet u Rħula Maltin* II (2005) p.605. Buġeja *et al.* p.33.

6 Grima, Joseph F. *Minn Grajjet Parroċċa Maltija, San Ġorġ, Qormi* (2003) p.113.

7 Schiavone , Michael & Scerri, Louis (Ed.) *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (1997) p.21. Schiavone (2009) I p.71.

8 Galea, Michael *Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin* (1995) p.10.

9 Bianchi, Carmel *Is-Santwarju Santa Marija Tal-Ħlas* (1973) p.11.

10 Stivala, Adrian *Contemporary Maltese Artists* (1985) p.110. Cutajar, Dominic (Ed.) Contemporary Sacred Art in Malta (1994) p.57. Schiavone & Scerri (1997) p.482. DePiro Nicholas *The International Dictionary of Artists Who Painted Malta (2002)* p.405. Borg, Vincent (Ed.) *Contemporary Christian Art Malta 2007, Cathedral Museum Exhibition Catalogue* (2007).

11 *Bejnietna, Fuljett Parrokkjali San Ġorġ, Ħal Qormi* (Ġunju 2003).

12 *MMU Silver Jubilee Milk Marketing Undertaking* (1963).

13 Schiavone, M. (2009) p.1116.

14 Schiavone, M. *Knejjes Parrokkjali u l-Festi Tagħhom* II (1993) p.243.

15 Guillaumier p.608.

16 *Il-Ġens* (20-IX-2008). *In-Nazzjon* (28-IX-2008).

17 Grima (2003) p.149.

18 Schiavone (1993) p.241. Schiavone (2009) p.800. Schiavone & Scerri (1997) p.261. Bugeja *et al.* p.67.

19 Guillaumier p.603.

20 Schiavone, Michael *Il-Knejjes Parrokkjali*... I (1993) p.159. Terribile, Tony *Teżori*... (2005) p.242. Pace, Francis *Il-Gargur in-Nies u l-Knejjes Tiegħu* (2000) p.252.